



# Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-202/17

Ana Calhau Correia de Paiva

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tad-9 ta' Ġunju 2021**

“Sistema lingwistika – Kompetizzjoni EPSO/AD/293/14 għar-reklutaġġ ta’ amministraturi fl-oqsm ta’ dritt tal-kompetizzjoni, tal-finanzi ta’ impriża, tal-ekonomija finanzjarja, tal-ekonomija tal-industrija u tal-makroekonomija (AD 7) – Nuqqas ta’ inklużjoni fil-lista ta’ riżerva – Eċċezzjoni ta’ illegalità – Limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa tal-kompetizzjoni għall-Ġermaniż, għall-Ingriż u għall-Franċiż – Regolament Nru 1 – Artikolu 1d(1) tar-Regolamenti tal-Persunal – Diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa – Ġustifikazzjoni – Interess tas-servizz”

1. *Rikorsi tal-uffiċjali – Eċċezzjoni ta’ illegalità – Atti li l-illegalità tagħhom tista’ tiġi eċċepita – Avviż ta’ kompetizzjoni – Limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa – Eżistenza ta’ rabta bejn id-deċiżjoni ta’ eliminazzjoni tar-rikorrent u s-sistema lingwistika prevista fl-avviż ta’ kompetizzjoni – Ammissibbiltà (Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 1 tal-Anness III)*

(ara l-punti 52-60)

2. *Uffiċjali – Kompetizzjoni – Żvolġiment ta’ kompetizzjoni ġenerali – Lingwi ta’ parteċipazzjoni fl-eżamijiet – Limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa – Diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa – Ġustifikazzjoni fir-rigward tal-interess tas-servizz – Osservanza tal-prinċipju ta’ proporzjonalità (Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 1d(1)(6))*

(ara l-punti 69-74)

3. *Uffiċjali – Kompetizzjoni – Żvolġiment ta’ kompetizzjoni ġenerali – Lingwi ta’ parteċipazzjoni fl-eżamijiet – Limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa – Stħarriġ ġudizzjarju – Portata (Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 1d(1))*

(ara l-punti 83-86)

4. *Uffiċjali – Kompetizzjoni – Żvolġiment ta' kompetizzjoni ġenerali – Lingwi ta' parteċipazzjoni fl-eżamijiet – Limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa – Diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa – Ġustifikazzjoni fir-rigward tal-interess tas-servizz – Neċessità li jiġu rreklutati persuni operattivi immedjatament – Assenza ta' ġustifikazzjoni ta' tali neċessità fid-deskrizzjoni tal-funzjonijiet – Inammissibbiltà (Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 1d(1); Regolament tal-Kunsill Nru 1, Artikoli 1)*

(ara l-punti 89-100, 106-108, 113-116, 120-124)

5. *Rikorsi tal-uffiċjali – Sentenza ta' annullament – Effetti – Annullament ta' avviż ta' kompetizzjonijiet ġenerali – Rikonċiljazzjoni tal-interessi tal-kandidati żvantaġġati mill-irregolarità u dawk tal-kandidati l-oħra – Kriterji ta' evalwazzjoni – Perijodu ta' żmien li jkun għadda mill-pubblikazzjoni tal-lista ta' riżerva – Nuqqas ta' kontestazzjoni tar-riżultati tal-kompetizzjoni (Artikolu 266 TFUE)*

(ara l-punti 131-138)

### Sunt

Fit-23 ta' Ottubru, l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) ppubblika l-avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/293/14. Din il-kompetizzjoni kienet intiża għall-ħolqien ta' lista ta' riżerva fid-dawl tar-reklutaġġ ta' amministraturi fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea.

L-avviż ta' kompetizzjoni kien jeħtieġ konossenza fil-fond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (lingwa prinċipali) kif ukoll għarfien sodisfaċenti tal-Ġermaniż, tal-Ingliż jew tal-Franċiż (it-tieni lingwa), filwaqt li huwa indikat li t-tieni lingwi kienu ġew iddefiniti konformement mal-interess tas-servizzi u kienu ġustifikati wkoll min-natura tal-eżamijiet.

Ir-rikorrenti, Ana Calhau Correia de Paiva, ta' nazzjonalità Portugiża, applikat għall-kompetizzjoni. Hija għażlet bħala lingwa prinċipali l-Portugiż, li huwa l-lingwa materna tagħha, u bħala t-tieni lingwa l-Franċiż. Ir-rikorrenti ġiet mistiedna għall-eżamijiet li sehew fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

Sussegwentement, ir-rikorrenti ġiet informata bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla li isimha ma jiġix inkluż fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni minħabba li hija ma kinitx tagħmel parti mill-kandidati li kisbu l-aħjar marki globali fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni. Il-Bord tal-Għażla kkonferma d-deċiżjoni inizjali tiegħu wara t-talba għal eżami mill-ġdid tar-rikorrenti. Din tal-aħħar ressqet ilment quddiem l-EPSO, li ġie miċħud.

Wara ċ-ċaħda tal-ilment, ir-rikorrenti ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali rikors għal annullament, essenzjalment, tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla li tiċħad it-talba għal eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni inizjali tagħha li ma tiġix inkluż fil-lista ta' riżerva tal-kandidati li għaddew.

Fil-kuntest tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti qajjmet eċċezzjoni ta' illegalità billi kkontestat id-dispożizzjonijiet tal-avviż ta' kompetizzjoni dwar is-sistema lingwistika, jiġifieri l-limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa għall-Ġermaniż, għall-Ingliż u għall-Franċiż. Din it-tieni lingwa intużat, b'mod partikolari, għall-eżamijiet intiżi sabiex jiġu evalwati l-kompetenzi ġenerali u speċifiċi tal-kandidati li saru fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

Il-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tagħmel preċiżazzjonijiet dwar l-ammissibbiltà tal-eċċezzjoni ta' illegalità.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali*

Il-Qorti Ġenerali tfakkar, l-ewwel nett, li jistgħu validament ikunu s-suġġett ta' eċċezzjoni ta' illegalità d-dispożizzjonijiet ta' att ta' portata ġenerali li jikkostitwixxu l-bażi tad-deċiżjonijiet individwali jew li għandhom rabta ġuridika diretta ma' deċiżjonijiet bħal dawn.

F'dan ir-rigward, fil-kuntest ta' proċedura ta' reklutaġġ, li hija operazzjoni amministrattiva kumplessa komposta minn sensiela ta' deċiżjonijiet, kandidat għal kompetizzjoni jista', fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra att sussegwenti, jinvoka l-irregolarità tal-atti preċedenti li huma marbuta mill-qrib miegħu, u jinvoka, b'mod partikolari, l-illegalità tal-avviż ta' kompetizzjoni li bis-saħħa tiegħu l-att inkwistjoni jkun ittieħed.

Il-fatt li l-avviż ta' kompetizzjoni ma ġiex ikkontestat fit-termini ma jipprekludix lir-rikorrenti milli tinvoka irregolaritajiet li seħħew matul l-iżvolġiment tal-kompetizzjoni, anki jekk tali irregolaritajiet jorigjinaw mit-test tal-avviż ta' kompetizzjoni.

Peress li l-motiv ibbażat fuq l-irregolarità tal-avviż ta' kompetizzjoni, li ma ġiex ikkontestat fil-ħin, jikkonċerna l-motivi tad-deċiżjoni individwali kkontestata, l-ammissibbiltà tar-rikors hija aċċettata mill-ġurisprudenza. Fil-fatt, kandidat f'kompetizzjoni ma jistax jiġi mċaħħad mid-dritt li jikkontesta f'dawn l-elementi kollha, inklużi dawk li ġew iddefiniti fl-avviż ta' kompetizzjoni, il-fondatezza tad-deċiżjoni individwali adottata fir-rigward tiegħu b'eżekuzzjoni tal-kundizzjonijiet iddefiniti f'dan l-avviż, sa fejn hija biss din id-deċiżjoni ta' applikazzjoni li tindividwalizza s-sitwazzjoni legali tiegħu u tippermettilu jkun jaf b'ċertezza kif u sa fejn l-interessi partikolari tiegħu huma affettwati.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li l-limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa tal-kompetizzjoni għat-tliet lingwi inkwistjoni taffettwa l-kapaċità tal-kandidati li jesprimu ruħhom oralment jew bil-miktub. Din il-limitazzjoni tiddetermina wkoll it-tip ta' tastiera li l-kandidati jistgħu jużaw għat-twettiq tal-istudju tal-każ, peress li l-provvista lill-kandidati tat-tastieri hija, skont il-prassi tal-EPPO, limitata għal-lingwa li biha għandhom isiru l-eżamijiet. Din iċ-ċirkustanza għandha effett fuq it-twettiq u, għalhekk, potenzjalment, fuq ir-riżultat ta' eżami, li matulu huwa meħtieġ li jinkiteb, permezz ta' tastiera, test ta' ċertu tul f'ħin limitat.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali tiċħad l-argument imressaq mill-Kummissjoni li jgħid li rabta stretta bejn id-deċiżjoni ta' eliminazzjoni tar-rikorrenti u s-sistema lingwistika prevista fl-avviż ta' kompetizzjoni tista' teżisti biss jekk ir-riżultati tal-eżami ta' evalwazzjoni tal-kompetenzi ġenerali tal-kandidati jirriżultaw negattivi jew katastrofiċi. Skont il-Qorti Ġenerali, tali argument iwassal sabiex tiġi promossa, mingħajr ġustifikazzjoni, applikazzjoni iktar stretta tal-kundizzjoni tal-eżistenza ta' rabta stretta meta l-illegalità li hija eċċepita tkun marbuta mas-sistema lingwistika tal-kompetizzjoni.